- KONKLUZJONI TA' FTEHIM –
- PROBAT QUI DICIT –
- FTEHIM BIL-MIKTUB -
- ART 114 – KAP 13 –

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Frar 2002**

**Kawza Numru: 35**
**Citazzjoni Numru: 2439/97/RCP**

**High Flyer Services Limited**

**vs**

**Josette u Raymond Leonardi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi d-ditta attrici kienet dahlet fi ftehim mal-konvenuti ghall-uzu ta' fond f'Rahal l-Gdid bhala ufficcju ghall-agenzija ta' travel agency;

Illi ghal dan il-fini d-ditta attrici inkorriet hafna spejjes biex tizbogh u tirranga dan il-fond, u ghall-istampar ta' stationery u materjal iehor ghall-uzu minn dak il-fond;

Illi qabel ma id-ditta attrici setghet taghmel uzu shih minn dak il-fond, il-konvenuta insistiet li tittermina l-ftehim, zgumbrat lid-ditta attrici mill-fond u hadet pussess tieghu;

Illi id-ditta attrici, ghalhekk, ghandha dritt tigi rimborzata ghall-ispejjes minnha inkorsi kif fuq imsemmi;

Illi wkoll l-istess konvenuta talbet tour ghall-Lourdes ghaliha u ghat-tifla u ghal dan it-tour baqghet ma hallsetx;

Illi l-ammont globali reklamat mid-ditta attrici jammonta ghall-madwar Lm1,800, izda l-konvenuta, interpellata biex thallas dan l-ammont, baqghet inadempjenti;

L-istess socjeta` attrici talbet li ghalhekk il-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

(1) m'ghandux jigi dikjarat illi l-konvenuti huma responsabbli ghall-ispejjes inkorsi mid-ditta attrici preordinati ghall-uzu tal-fond taghhom f'Rahal il-Gdid kif fuq spjegat;

(2) m'ghandux jigi dikjarat wkoll illi l-konvenuti huma responsabbli ghall-hlas tal-gita ghall-Lourdes li nhareg mid-ditta attrici fuq inkarigu tal-konvenuti;

(3) m'ghandhomx dawn l-ispejjes u hlasijiet jigu likwidati minn din il-Qorti, occorrendo bl-opera ta' perit nominand;

(4) m'ghandhomx il-konvenuti jigu kkundannati minn din il-Qorti li jhallsu s-somma globali li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti kif fuq inghad.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-1 ta' Ottubru, 1997, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 9 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta attrici ghandhom jigu michuda kemm fit-fatt kit ukoll fid-dritt u dana peress illi qatt ma' sar ebda ftehim bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuti sabiex is-socjeta' attrici tkun tista' tuza l-fond f'Rahal Gdid bhala ufficju ghall-agenzija ta' *travel agency;*

2. Illi kienet propju s-socjeta attrici li nsistiet li ma' jkun hemm ebda ftehim dwar l-uzu tal-fond imsemmi f'Rahal

Gdid u sahansitra s-sur Albino Micallef ghas-socjeta' attrici ma ried li jiffirma ebda ftehim bil-miktub;

3. Illi s-socjeta' attrici abbuzivament qabdet u dahlet fil-fond proprjeta' tal-konvenuti u dana minghajr il-permess tal-konvenuti u anke minghajr il-permessi mehtiega mill-Awtoritajiet;

4. Illi l-konvenuti ma huma responsabbli ghal ebda spejjez inkorsi mid-ditta attrici preordinati ghal uzu tal-fond tal-konvenuti gewwa Rahal Gdid stante li d-ditta attrici qabdet u ordnat l-imsemmija xoghlijiet meta kienet *ben saputa* li ma' kien sar ebda ftehim bejn id-ditta attrici u l-konvenuti dwar l-uzu ta' l-imsemmi fond;

5. Illi l-konvenuti ma' huma responsabbli ghal ebda hlas ta' gita ghal Lourdes u dana peress li kienet propju s-socjeta attrici li ftehmet mal-konvenuta Josette Leonardi li hija titla' biex titghallem xoghol ta' gwida u li l-ispejjez tal-gita kellhom ikunu a karigu tas-socjeta' attrici;

6. Illi ghalhekk il-konvenuti ma ghandhomx ikunu ikkundannati li jhallsu ebda somma globali lis-socjeta' attrici;

7. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz oltre riserva ghall-azzjoni ta' danni sofferti mill-konvenuti b'rizultat ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 628/98 li gie esekwit ingustament kontra l-konvenuti.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, inkluzi dawk tal-kontro-mandat numru 645/98, u d-dirigenti tas-socjeta' attrici minn issa qed jigu ngunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 10 u 11 tal-process.

Rat il-verbal tat-18 ta' Gunju 1998 fejn Dr. Tonio Mallia iddikjara li l-allegat ftehim indikat fic-citazzjoni kien wiehed verbali.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tal-24 ta' Settembru 1998 fejn gie esebit l-affidavit ta' Albino Micallef (fol. 17 u 18).

Rat in-nota tal-konvenuti tad-9 t'Ottubru 1998 fejn gew esebiti l-affidavits ta' Josette Leonardi u Raymond Leonardi (fol. 21 sa 24).

Rat il-verbal tat-22 ta' Marzu 1999 fejn xehed Denis Griscti.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tal-5 t'Ottubru 1999 fejn gew esebiti xi ritratti u dokumenti (fol. 32 sa 34).

Rat il-verbali tas-26 ta' Novembru 1999, tat-8 ta' Mejju 2000, tad-9 ta' Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismugha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tas-16 ta' Novembru 2000, tal-21 ta' Marzu 2001, tat-2 t'Ottubru 2001, tat-22 ta' Novembru 2001 fejn xehed Albino

Micallef u d-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar u talbu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### (A) <u>AZZJONI ATTRICI</u> – <u>Kap 13</u>

Illi s-socjeta' attrici qed jallega li huwa kkonkluda ftehim mal-konvenuti ghall-uzu tal-fond f'Rahal Gdid, bir-rata ta' Lm1.50 sabiex jigi uzat bhala ufficju, b'dan li tali fond kellu l-permess b'agenzija ta' vjaggar u qed jitlob ghalhekk spejjez li nkludiet fl-istess ufficju.

Illi min-naha l-ohra l-konvenuti qed isostnu li ghalkemm kien hemm trattativi sabiex l-istess fond jigi mikri lis-socjeta' attrici, dan l-ftehim qatt ma gie konkluz stante li l-iskrittura ridatta qatt ma giet iffirmata.

### (B) <u>PROVI PRODOTTI</u>

Illi fil-fatt **l-attur Albino Micallef** sostna li l-ftehmin kien wiehed verbali, ghaliex ghalkemm kien abbozat ftehim dan ma lahaqx gie iffirmat. Illi l-istess xhud insista li wara li

qablu verbalment, il-konvenuta kienet tatu c-cwievet tal-fond u huwa beda jirrangah, b'dan li zebghu (Lm50), dahhal l-ghamara, u ordna *letter heads* u *stationery* ghall-prezz b'Lm274.85. Dan sar meta kienet hallietu jidhol il-konvenuta u wara inaghtatlu c-cavetta. Dahhal ukoll telephone (Lm40). Il-konvenuti min-naha taghhom ghamlu l-madum, u l-bieb ta' barra u l-'gypsum'.

Il-konvenuti, skond l-istess xhud, dejjem sostnew li kellhom permess, pero' meta gie biex jivverifika dan sab li ma kienx jezisti ebda permess, qal b'dan lill-konvenuti, u l-konvenut qallu li ma kienx interessat iktar fin-negozju u li qeghdin bi shab u talbu Lm3 kuljum bhala kera. Il-konvenut ma accettax – u ghalhekk *peress li ma konniex ilhaqna ffirmajna ftehim* huwa garr kollox f'post iehor; u zgumbrawh mill-fond permezz ta' Mandat ta' Zgumbrament u l-konvenuti regghu hadu l-post huma.

Illi minbarra dan s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' Lm781 rapprezentati prezz ta' *tour*' ghal Lourdes ghaliha u ghal bintha, li l-konvenuta baqghet ma hallsitx.

Illi **Denis Griscti** xehed fit-22 ta' Marzu, 1999 u sostna li huwa qieghed il-madum fil-fond *de quo* u kienet fethitlu l-konvenuta, ordnat il-madum u qaltlu li riedet ix-xoghol malajr peress li kienu ser jifthu ufficju tal-ivvjaggar. Il-konvenuta xi jiem wara ghazlet il-madum u wara xi jiem

tqieghed il-madum u hallset il-konvenuta. Ic-cavetta kkonsenjata lilu mill-konvenuta nghatat lura lill-konvenuta.

Illi **l-konvenut Raymond Leonardi** fl-affidavit tieghu tad-9 ta' Ottubru 1998 sostna li l-attur gie ghandu bil-hsieb li jimpjega lill-konvenuta bhala *Tour Leader*, u qal li ser itella' lill-konvenuta u lil binthom Lourdes sabiex jitghallmu x-xoghol, kollox a spejjez tieghu. Dwar il-fond jidher li interessa fih l-attur pero' l-konvenuti mill-ewwel qalulu li dan ma kellux permess, pero' l-attur sostna li kien jirranga huwa. Mar ghand l-Avukat sabiex jidderigu ftehim, urih lill-attur u qallu li ma kienx hemm problema, u kellu jmur mieghu biex jiffirma l-ftehim ghand l-avukat. Pero' fid-data meta kellu jigi ffirmat l-kuntratt, l-attur ma marx. Avza lill-pulizija li l-attur kien behsiebu jiftah il-hanut bla permess u ghamillu Mandat ta' Inibizzjoni, u wara dan l-attur ha l-ghamara, irritorna c-cwievet u talab il-flus tat-*tour* lill-konvenuta.

Illi **l-konvenuta Jiselle Leonardi** sostniet bl-affidavit taghha tad-9 ta' Ottubru 1998 li l-attur avvicinaha biex hija u bintha jahdmu bhala *Tour Leaders* u qallha li kien ser ihallas kollox hu ghall-*tour* Lourdes. Wara l-attur avvicinaha biex jikri l-fond taghhom, pero' hija qaltu li l-istess fond ma kellux permess ghakemm il-konvenuti kellhom intenzjoni jifthuh bhala *Travel Agency*. Fil-fatt huma ghamlu l-madum, naddfu l-post u bdew jirrangawh. Tat ic-cwievet lill-attur, izda il-ftehim qatt ma gie konkluz, lanqas wara li sar *draft* mill-avukat tal-attur. Sar appuntament biex jigi

ffirmat l-istess ftehim, pero' l-attur ma kienx mar u wara ammetta li l-attur kien ser jiftah minghajr permess u allura l-konvenuti hargu Mandat ta' Inibizzjoni u l-attur irritorna ic-cwievet u ha l-ghamara tieghu. Kien hawn li talab l-ewwel darba lill-konvenuti l-flus ghas-safra Lourdes.

## (C) APPREZZAMENT TAL-PROVI

Illi huwa ovvju li la darba l-konvenut qed jallega li sar ftehim ta' kiri tal-istess fond mal-konvenuti, huwa l-oneru tieghu li jipprova dan u dan in vista' tal-massima *probat qui dicit.*

Illi hemm qbil bejn il-partijiet li l-iskrittura redatta mill-Avukat Angelo Farrugia qatt ma giet iffirmata; is-socjeta' attrici ma tatx ragunijiet ghaliex dan ma sarx, mentri l-konvenuti ssostenew konstantament li kien ix-xhud Albino Micallef li ma marx ghall-appuntament ghand l-Avukat sabiex jiffirma l-istess ftehim. Minn dan l-istat tal-provi hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li s-socjeta' attrici ma ipprovatx l-allegazzjonijiet taghha stante li jirrizulta mill-provi prodotti mill-istess konvenuti li ebda ftehim verbali bejn il-kontendeti ma gie konkluz, tant li l-unika abbozz li sar dwar l-istess fond kien iskritt u dan ma giex iffirmat mill-partijiet ghaliex jidher car li ma qablux finalment la dwar l-ammont ta' kera u dwar il-permess li kellu jkopri l-istess fond.

Illi ma hemm l-ebda dubju li trattativi dwar il-kiri tal-fond saru bejn il-partijiet, pero' dawn qatt ma wasslu ghall-*consensus ad idem* dwar l-istess, tant li l-konvenuti dejjem

sostnew li kellha tigi ffirmata skrittura privata bejn il-partijiet, li fil-fatt ma sehhitx. Dan il-fatt huwa rikonoxxut minn Albino Micallef, rapprezentant tas-socjeta' attrici li sostna li dan il-ftehim gie abbozzat, *"izda ma kienx lahaq gie iffirmat"* (fol. 17), u fil-fatt jirrikonoxxi li ma ntlahaq ebda ftehim bejn il-partijiet meta qal *"jiena ma accettajtx din il-proposta. Meta bqajna hekk, peress li ma konniex ilhaqna ffirmajna ftehim, jiena garrejt biex nohrog….."* (fol. 18).

Illi minn dan il-bran ta' xhieda johrog car li ma kien hemm ebda ftehim bejn il-partijiet dwar il-lokazzjoni proposta u dan lanqas verbalment. Jirrizulta wkoll mill-kumpless tal-provi li tal-provi li tali propost ftehim dejjem kellu jkun suggett ghall-forma skritta, u dan jirrizulta kemm mix-xhieda konstanti tal-istess konvenuti u kemm mix-xhieda ta' Albino Micallef, li indika b'mod mill-aktar esplicitu li tali kirja kellha tkun is-suggett ta' skrittura privata.

Illi la darba dan huwa l-kaz japplika l-Artikolu 114 tal-Kap 13 li jiddisponi li:-

*"jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm ghandu jitnizzel bil-miktub, hu pruvat li huwa riedu jassoggettaw il validita tieghu ghat-tharis ta' dik il-formalita'.*

Illi f'din is-sitwazzjoni, u la darba tali formalita' ta' skrittura privata, mhux biss hija prezunta, izda wkoll ipprovata, ifisser li la darba tali skrittura ma gietx iffirmata, mela allura l-ebda ftehim ta' lokazzjoni bejn il-kontendenti ma gie bl-

ebda mod konkluz u allura l-allegazzjonijiet atturi ghandhom jigu michuda.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li l-istess fond baqa' fil-pussess tal-konvenuti, u li huma qatt ma awtorizzaw li l-istess jaghmel xi xoghlijiet fl-istess fond, u kull xoghol li seta' sar mis-socjeta' attrici sar minn jeddha u a riskju taghha, ghaliex hija kienet taf li dment li tali skrittura ma gietx iffirmata, hija ma kellha ebda titolu fuq l-istess fond.

Illi kieku li f'xi mument Albino Micallef inaghta c-cavetta tal-fond mill-konvenuta, izda dan dejjem sar bl-intiza li tali ftehim jigi konkluz u milhuq, fatt li ma avverax ruhhu, u dan l-access lanqas jigi interpretat li jfisser awtorizzazzjoni mill-konvenuti sabiex l-istess socjeta' attrici taghmel xoghol fl-istess fond, ghaliex dan kollu kien suggett ghall-eventwali konkluzjoni tat-trattativi u ftehim ahhari, li baqa' ma sarx.

Illi fl-ahharnett dwar il-pretensjoni attrici ghall-hlas tal-gita' f'Lourdes mill-konvenuta u bintha ma jidhirx mill-provi li l-istess konvenuta ordnat tali safra; anzi jirrizulta ppruvat li l-istess socjeta' attrici tramite' Albino Micallef offra li jhallas l-ispejjez tal-gita' Lourdes lill-konvenuta u bintha bl-iskop li jingagga lill-istess bhala *Tour Leaders* mas-socjeta' attrici. Fil-fatt qatt ma jidher li ntbaghat kont lill-konvenuta, u s-socjeta' attrici qatt ma ppretendiet hlas tal-istess, hlief meta t-trattativi dwar il-kirja fallew, u allura hemm Albino Micallef esiga ghall-ewwel darba hlas ghall-istess. Illi ghalhekk

anke din it-talba tirrizulta mhux ippruvata u ghandha tigi michuda.

**III KONKLUZJONI**

Illi ghall-dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tichad it-talbiet attrici** bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta' attrici.

**Moqrija.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Frar 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Frar 2002**